MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CARUANA DEMAJO GIANNINO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 440/1994/1

**Ċitazzjoni 440/1994**

**Pawlu Zammit**
***versus***
**Joseph Said; u b'dikriet tal-21 ta' Novembru 1995 ġiet imsejħa fil-kawża Giuliana Said, mart l-istess Joseph Said**

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u l-ħlas ta' dak li għandu jieħu għal xogħol ta' qtugħ ta' blat li għamel b'appalt għall-konvenut. Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż u l-imgħax.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. iċ-ċitazzjoni saret ħażin u ma tiswiex għax il-konvenut hu miżżewweġ u għalhekk kellha tkun imħarrka martu wkoll; wara illi mart il-konvenut issejħet fil-kawża b'dikriet tal-21 ta' Novembru 1995[1], ma għadux meħtieġ illi nqisu aktar din l-eċċezzjoni;

---

[1] *Fol.* 15

2. il-konvenut ma għandu ebda relazzjoni ma' l-attur u qatt ma qabbdu jagħmel ebda xogħol;
3. il-konvenut kien qabbad b'appalt lil ċertu Anthony Bonello, minn Ħaż Żabbar, u dan tħallas għax-xogħol kollu; u
4. għalhekk it-talbiet ta' l-attur għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.

L-attur xehed illi l-konvenut kien qabbdu jagħmillu xogħol ta' tqattigħ ta' blat, illi dan ix-xogħol għamilhulu, u issa jrid jitħallas tiegħu.

Il-konvenut xehed illi ċertu Joseph Ghiller kien laqqgħu ma' ċertu Anthony Bonello u hu kien qabbad lil dan Bonello bħala kuntrattur, iżda, billi Bonello ma kellux għodda biżżejjed, dan kien qabbad b'sub-appalt lill-attur. Xehed ukoll illi l-ftehim kien illi għal dan is-sub-appalt l-attur kellu jitħallas billi Bonello jagħmillu xi xogħol ieħor.

Xehed ukoll Joseph Ghiller, u dan għalkemm qal illi l-ftehim sar direttament bejn l-attur u l-konvenut[2] kompla qal illi kien sar ftehim illi tax-xogħol li għamel għall-konvenut l-attur kellu jitħallas b'xogħol li kellu jsir minn Anthony Bonello fl-interess ta' l-attur[3].

Xehed ukoll Anthony Bonello u dan ukoll qal illi l-ftehim kien illi l-attur kellu jitħallas bit-tpartit ta' xogħol, *i.e.* billi hu jagħmel xogħol fl-interess ta' l-attur.

Wara li qieset sew ix-xiehda mressqa mill-partijiet, il-qorti hija tal-fehma illi aktar tista' toqgħod fuq il-verżjoni tal-konvenut. Fil-fatt, l-attur stess stqarr illi lill-konvenut kien qallu biex ma jħallasx lil Bonello għax-xogħol kollu, u biex iħallas lilu għax-xogħol li għamel hu[4], bħallikieku biex b'dan il-kliem jissekwestra f'idejn il-konvenut il-flus li dan kellu jagħti lil Bonello. Dan il-kliem jagħmel sens biss jekk l-attur kien qiegħed jistenna ħlas mingħand Bonello, għax kieku hu kellu jitħallas direttament mingħand il-konvenut ma kienx jinteressah jekk il-konvenut iħallasx lil Bonello jew le.

Fil-fehma tal-qorti għalhekk l-attur mhux mingħand il-konvenut kellu jitħallas iżda mingħand Bonello.

---

[2] Ara x-xiehda ta' Joseph Ghiller fis-seduta tas-27 t'Ottubru 2000, *foll.* 59 *et seqq.*

[3] *Ibid. fol.* 66.

[4] Ara x-xiehda ta' l-attur fis-seduta tas-17 t'April 1997, *foll.* 28 *et seq.*

Billi ma nġibitx prova illi l-konvenut għad għandu jagħti lil Bonello — anzi Bonello xehed illi tħallas ta' kollox mingħand il-konvenut — l-attur lanqas jista' jitlob ħlas taħt l-art. 1643 tal-Kodiċi Ċivili.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur u tikkundannah iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Connie Micallef
Dep. Reġ.